# It-Turiżmu Lejn Malta: Awwissu tal-2023

NR175/2023 Data tal-Ħruġ: 04 ta' Ottubru 2023

*F'Awwissu tal-2023, l-għadd sħiħ tat-turisti li waslu Malta kien stmat li jlaħħaq it-371,511, li huwa żieda ta' 18.3 fil-mija meta mqabbel ma' sena qabel.*



Fix-xahar li qed jiġi mifli f'din l-istqarrija, 354,155 turist żar Malta għal btala, mentri 6,391 turist ġie Malta għal raġunijiet ta' xogħol. L-akbar għadd ta' turisti kellhom bejn il-25 u l-44 sena (37.2 fil-mija); warajhom kien hemm dawk fl-età ta' taħt il-25 sena (37.0 fil-mija) (Tabella nru 1). Residenti mill-Italja, mir-Renju Unit u minn Franza kienu jagħmlu 53.2 fil-mija tat-turisti kollha li waslu Malta (Tabella nru 5).

Meta mqabbel mal-istess xahar tas-sena ta' qabel, l-għadd sħiħ tal-iljieli mqattgħin Malta tela' bi 13.0 fil-mija, u għadda iż-2.9 miljun lejl. Il-kotra l-kbira ta' dawn l-iljieli (83.1 fil-mija) kienu mgħoddijin fi stabbilimenti ta' akkomodazzjoni mikrija (Tabella nru 3). It-tul medju ta' dawn iż-żjajjar kien jammonta għal 7.8 iljieli (Tabella nru 1).

F'Awwissu 2023, in-nefqa sħiħa tat-turisti qabżet it-€393.4 miljun, li hija żieda ta' 22.4 fil-mija fuq l-istess xahar sena qabel (Tabella nru 4). L-infiq medju kull lejl kien stmat li kien €135.6 (Ċart nru 2b).

**Jannar–Awwissu 2023**

Fl-ewwel tmien xhur tal-2023, it-turisti li waslu Malta laħqu l-1,986,260, li huma żieda ta' 33.5 fil-mija fuq l-istess żmien fl-2022 (Tabella nru 6). L-għadd sħiħ tal-iljieli mgħoddijin tela' b'25.0 fil-mija u b'hekk kważi laħaq it-13.6-il miljun lejl (Tabella nru 8).

L-infiq sħiħ mit-turisti kien stmat li laħaq il-€1.8 biljun, 36.2 fil-mija ogħla minn dak li kien irreġistrat fl-2022 (Tabella nru 9). L-infiq sħiħ ras għal ras tela' għal €888 mit-€871 li kien fl-2022 (Tabella nru 11).

## Ċart nru 1. Numru totali ta' turisti li żaru Malta fix-xahar

Awwissu 2021 – Awwissu 2023




## Ċart nru 2a. In-nefqa totali, ras għal ras, mit-turisti li żaru Malta

Awwissu 2021 - Awwissu 2023




## Ċart nru 2b. In-nefqa totali, kull lejl, mit-turisti li żaru Malta

Awwissu 2021 - Awwissu 2023

